# Is-Santwarju u l-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Uffiċċju** | 196, Triq il-Għajn, Il-Fontana, FNT 9026 | *Facebook* | 'Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana' |
| **Telefon** | 21556097 (uffiċċju) \| 79093699 (kappillan) | *Live-streaming* | Paġna *Facebook* 'Radju Sacro Cuor' |
| **Imejl** | fontanaparish@gmail.com **Websajt** www.qalbtagesu.com | **Radju** | Radju Sacro Cuor 105.2FM |

***Il-Bullettin tal-Ħadd***
***10 ta' Novembru 2024***


## X'jgħallimna l-Papa dwar il-Qalb ta' Ġesù fid-"*Dilexit Nos*"?



Bl-enċiklika sabiħa li ħareġ, il-Papa qed jipproponi mill-ġdid id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù lid-dinja li spiċċat bierda u li "tilfet qalbha". Hu jgħidilna: *"Il-mod li bih Kristu jħobbna huwa xi ħaġa li Hu stess ma qagħadx jispjegahielna bil-kliem, imma wrihielna bil-ġesti tiegħu. Jekk inħarsu lejh nistgħu niskopru kif iġib ruħu ma' kull wieħed u waħda minna."* (nru 33).

Il-Papa jħeġġiġna biex nerġgħu niskopru din id-devozzjoni u meta nqimu x-xbieha tal-Qalb ta' Ġesù, *"aħna nidħlu f'relazzjoni mal-Persuna ta' Kristu, fil-ħbiberija u fl-adorazzjoni, miġbudin mill-imħabba rappreżentata fix-xbieha tal-Qalb tiegħu. Inqimu x-xbieha li tirrappreżentaha, imma l-adorazzjoni tagħna hi lil Kristu ħaj, fid-divinità u fl-umanità kollha tiegħu, biex nintrebħu mill-imħabba umana u divina tiegħu."* (nru.49). **X'xorti għandna aħna li għandna lill-Qalb ta' Ġesù!**

*Il-Qalb ta' Ġesù tberikkom u Sant'Andrija jħariskom. Il-Kappillan.*

**L-ambone l-ġdid.** Bħalissa qed jinħadem mudell *to scale* fl-injam biex, jekk ikun hemm bżonn, isiru l-aħħar aġġustamenti fuq il-post. Imbagħad il-proġett jgħaddi mingħand il-Kummissjoni Arti Sagra għal għand il-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku. Wara, tibda l-ħidma biex Manuel Farrugia jibdel l-abbozz tat-tafal *(ara r-ritratt)* f'opra sabiħa u unika kemm mil-lat artistiku u anke mil-lat teoloġiku. **Grazzi kbira tal-appoġġ kbir li qed tagħtuna** speċjalment bl-għotjiet tagħkom. Bil-mod il-mod, is-somma qed tinġabar!



**Nitolbu** għall-erwieħ ta' **Maria Borg** u **Maria Farrugia**, mill-komunità parrokkjali tagħna, li ħallew din id-dinja fil-jiem li għaddew. Il-Mulej jgħannaqhom għal dejjem ma' Qalbu.

**Ħadd il-karità.** Il-ġbir li ser isir fil-Quddies tal-Ħadd li ġej, 17 ta' Novembru, ser imur għall-karità li tagħmel id-Djoċesi permezz tal-uffiċċji tad-Djakonija u tal-Caritas. Id-Djoċesi qed tinvesti ħafna biex in-nies fil-bżonn jiġu megħjuna aħjar.

**L-ewwel ġabra għall-festa.** Komplu wasslu l-envelopp fil-ġabra tal-Quddies jew fil-*letterbox* tad-dar parrokkjali Inkella wassluh ma' xi saċerdot jew ma' min iqassmilkom il-bullettin. Kull qatra tgħin għax l-ispejjeż ikunu kbar. Grazzi.

**Festa ta' Sant'Andrija.** Żommu liberi filgħaxijiet ta' dawn id-dati! Is-Sibt 23 ta' Novembru: l-Ikla tal-festa; bejn l-Erbgħa 27 u l-Ġimgħa 29 jkollna t-Tridu waqt li jiem il-festa jkunu s-Sibt 30 (festa liturġika) u l-Ħadd 1 ta' Diċembru.



**Il-ġabra ta' Sant'Andrija.** Għalkemm il-festa ser issir bħas-soltu, kemm fuq ġewwa u kemm barra, **l-envelopp ta' Sant'Andrija mhux ser jitqassam.** Inħossu li bħalissa ma nistgħux ngħabbu b'ġabra oħra lil dawk fostkom li dejjem jagħtu sehemhom f'kull ġabra parrokkjali jew djoċesana (fi żmien qasir saru/ser isiru diversi minnhom, kif ukoll attivitajiet ta' *fundraising*). Huwa anke mod biex nirringrazzjawhom talli jgħinuna tant. Min xorta jixtieq jgħin, jista' jagħti l-għotja lis-saċerdoti, lis-sagristan jew lill-kappillan. Grazzi lill-benefatturi li ġa ħasbu f'Sant'Andrija.

**Providenza:** NN **€100**, NN (Victoria) **€100**, NN (Victoria) **€50**, NN (Victoria) **€50**, NN **€50**, NN **€50,** NN **€50**, NN **€20,** NN **€20**, NN **€5** *għall-ambone l-ġdid;* NN **€20** *b'ħajr lill-Qalb ta' Ġesù u Sant'Andrija;* NN **€20** *b'ħajr lil Sant'Andrija;* NN **€50,** NN **€50**, NN (Qormi) **€30**, NN **€20**, NN **€5**, NN **€5** *għall-knisja.* Grazzi!

Niskużaw ruħna għall-iżball li kien hemm fil-bullettin li għadda dwar l-intenzjonijet tal-Quddies tal-11.30am. L-intenzjonijiet ġew iċċelebrati skont kif kienu bbukkjati.

**Intenzjonijiet tal-Quddies: tal-ġurnata *u tal-11.30am***

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn 11 | Wenzu Portelli u fam. Buttigieg | *Toni, Karmena, Katrina Zahra* |
| It-Tlieta 12 | Anthony u Carmela Theuma | *Peter Paul, Marija, Toni Vella* |
| L-Erbgħa 13 | Ġanni Mizzi | *Nenu Schembri u Mabbli Xuereb* |
| Il-Ħamis 14 | Charlie Theuma u fam. Custò | *Fam. Custò u Portelli* |
| Il-Ġimgħa 15 | Joe Mercieca | *Ġużepp, Maria, Ġinja u Jane Borg* |
| Is-Sibt 16 | Fam. Cini | |
| Il-Ħadd 17 | Carmela, Angelo u fam. Mercieca-Buttigieg | **10.30am:** *għall-poplu tagħna* |